

Il-Ġurnal Uffiċjali

L 210

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

6 ta' Awwissu 2013

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

- ★ Ftehim Intern bejn ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajjnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, skont il-ftehim ta' sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-pajjiżi u territorji *extra*-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea 1

REGOLAMENTI

- ★ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 751/2013 tad-29 ta' Lulju 2013 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orijini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Kraški med (DPO)] 15
- ★ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 752/2013 tal-31 ta' Lulju 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 555/2008 rigward il-programmi nazzjonali ta' appoġġ u l-kummerċ ma' pajjiżi terzi fis-settur tal-inbid 17
- ★ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 753/2013 tat-2 ta' Awwissu 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 607/2009 li jstabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 fir-rigward tad-denominazzjonijiet tal-orijini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, termini tradizzjonali, it-tikkettar u l-preżentazzjoni ta' ċerti prodotti fis-settur tal-inbid 21

Prezz: EUR 3

(Ikompili fil-paġna li jmiss)

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 754/2013 tal-5 ta' Awwissu 2013 li jemenda għall-198 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-netwerk ta' Al Qaida** 24

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 755/2013 tal-5 ta' Awwissu 2013 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 26

DEĊIŻJONIJET

2013/424/UE:

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2013 dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea għall-programmi nazzjonali ta' 11-il Stat Membru (il-Bulgarija, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, ir-Rumanija, is-Slovenja, il-Finlandja u l-Isvezja) fl-2013 għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' dejta fis-settur tas-sajd (notifikata bid-dokument C(2013) 4434)** 28

2013/425/UE:

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Awwissu 2013 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/782/UE li tiddetermina l-limiti kwantitattivi u talloka l-kwoti għal sustanzi kkontrollati skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu, għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2013 (notifikata bid-dokument C(2013) 4922)** 30

Avviż lill-qarrejja – Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubbli-kazzjoni elettronika ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (Ara paġna 3 tal-qoxra)

Nota lill-qarrejja – kif tirreferi għall-atti (Ara paġna 3 tal-qoxra)

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

FTEHIM INTERN

bejn ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perijodu mill-2014 sal-2020, skont il-ftehim ta' sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-pajjiżi u territorji extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA, IMLAQQGĦIN FI ĦDAN IL-KUNSILL,

WARA LI KKUNSIDRAW it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

WARA LI KKUNSIDRAW it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

WARA LI KKONSULTAW mal-Kummissjoni Ewropea,

WARA LI KKONSULTAW mal-Bank Ewropew tal-Investment,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Kotonù fit-23 ta' Ġunju 2000 ⁽¹⁾, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 ⁽²⁾ u kif emendat għat-tieni darba f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010 ⁽³⁾ ("il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE"), jipprevedi d-definizzjoni tal-protokollu finanzjarji għal kull perijodu ta' ħames snin.
- (2) Fis-17 ta' Lulju 2006, ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, adottaw Ftehim Intern dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna Komunitarja skont il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perijodu bejn l-2008 sal-2013, skont il-Ftehim ta' Sħubija bejn l-AKP u l-KE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u Territorji extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat tal-KE ⁽⁴⁾.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/822/KE tas-27 ta' Novembru 2001 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej mal-Komunità Ewropea ⁽⁵⁾ ("id-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea") hija applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2013. Deċiżjoni ġdida għandha tiġi adottata qabel dik id-data.
- (4) Sabiex jiġi implimentat il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE u d-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea, għandu jiġi stabbilit il-11-il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) u għandha tiġi stipulata proċedura għad-determinazzjoni tal-allokazzjoni ta' fondi u l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għal dawk il-fondi.
- (5) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, f'konformità mal-Anness Ib tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, għamlu revizzjoni tal-prestazzjoni, flimkien mal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku ("l-Istati AKP"), fejn ġie vvalutat il-grad tal-attwazzjoni tal-impenji u l-ħlasijiet.
- (6) Għandhom ikunu determinati r-regoli ta' amministrazzjoni għall-kooperazzjoni finanzjarja.
- (7) Fil-Kummissjoni għandu jitwaqqaf Kumitat ta' Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri (il-"Kumitat tal-FEŻ"), u għandu jitwaqqaf Kumitat simili fil-Bank Ewropew tal-Investment (BEI). Għandhom jiġu armonizzati l-ħidma tal-Kummissjoni u tal-BEI fl-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE u d-dispożizzjonijiet korrispondenti tad-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.

⁽²⁾ ĠU L 287, 28.10.2005, p. 4.

⁽³⁾ ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3.

⁽⁴⁾ ĠU L 247, 9.9.2006, p. 32.

⁽⁵⁾ ĠU L 314, 30.11.2001, p. 1.

- (8) Il-politika tal-Unjoni dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp hija għwida mill-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp adottati mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-8 ta' Settembru 2000, inkluża kull modifika sussegwenti.
- (9) Fit-22 ta' Diċembru 2005, il-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni adottaw Stqarrija Konġunta dwar Politika ta' Żvilupp tal-Unjoni Ewropea: Il-Kunsens Ewropew ⁽¹⁾.
- (10) Fid-9 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar Responsabbiltà u Trasparenza Reċiproċi: Ir-Raba' Kapitolu għall-Qafas Operattiv tal-UE dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna. Dawk il-konklużjonijiet għew miżjuda mat-test konsolidat tal-Qafas Operattiv dwar l-Effettività tal-Għajnuna għew affermati mill-ġdid il-ftehimiet taħt id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna (2005), il-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar il-Komplementarjetà u t-Tqassim tax-Xogħol fil-Politika dwar l-Iżvilupp (2007), u l-Linji Gwida tal-UE għall-Aġenda ta' Accra għall-Azzjoni (2008). Fl-14 ta' Novembru 2011, il-Kunsill adotta wkoll pożizzjoni komuni tal-UE, anke dwar il-Garanzija ta' Trasparenza tal-UE u aspetti oħra ta' trasparenza u responsabbiltà, għar-raba' Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna f'Busan, fil-Korea t'Isfel li rriżulta, *inter alia*, fid-Dokument tal-Eżitu ta' Busan. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha qablu għad-Dokument tal-Eżitu ta' Busan. Fl-14 ta' Mejju 2012, il-Kunsill adotta Konklużjonijiet dwar iż-Żieda fl-Impatt tal-Politika tal-UE għall-Iżvilupp: Aġenda għall-Bidla u dwar l-Approċċ Futur għall-Appoġġ Baġitarju tal-UE għal Pajjiżi Terzi.
- (11) Il-miri tal-Assistenza Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) indikati fil-konklużjonijiet imsemmijin fil-premessa 10 għandhom jiġu kkunsidrati. Fir-rappurtar tan-nefqa tal-11-il FEŻ lill-Istati Membri u lill-Kumitat tal-Assistenza għall-Iżvilupp tal-OECD, il-Kummissjoni għandha tiddistingwi bejn l-attivitajiet tal-ODA u attivitajiet li mhumiex tal-ODA.
- (12) Fit-22 ta' Diċembru 2009, il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar ir-relazzjonijiet tal-UE ma' Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej (OCTs).
- (13) L-applikazzjoni ta' dan il-ftehim għandha tkun konformi mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna ⁽²⁾.
- (14) Sabiex tkun evitata kull interruzzjoni tal-finanzjament minn Marzu sa Diċembru 2020, huwa tajjeb li l-perijodu ta' applikazzjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali tal-11-il FEŻ isir l-istess bħal dak għall-qafas finanzjarju pluriennali fir-rigward tal-perijodu mill-2014 sal-2020 applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni. Huwa għalhekk iktar favorevoli li d-data finali għall-impenji tal-fondi tal-11-il FEŻ tkun il-31 ta' Diċembru 2020 milli t-28 ta' Frar 2020 li tkun id-data finali tal-applikazzjoni tal-ftehim ta' Sħubija AKP-UE.
- (15) Permezz tal-prinċipji fundamentali tal-ftehim ta' Sħubija AKP-UE bħala sisien, l-oġettivi tal-11-il FEŻ huma l-eliminazzjoni tal-faqar, l-iżvilupp sostenibbli u l-integrazzjoni gradwali tal-Istati AKP fl-ekonomija dinjija. Għandu jingħata trattament speċjali lill-pajjiżi l-anqas żviluppati.
- (16) Sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni soċjoekonomika bejn ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u l-Istati AKP, kif ukoll l-OCTs fil-Karibew, fl-Afrika tal-Punent u fl-Oċean Indjan, ir-regolamenti dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar il-kooperazzjoni territorjali Ewropea għandhom jinkludu t-tisħiħ tal-allokazzjonijiet għall-perijodu mill-2014 sal-2020 għal tali kooperazzjoni bejniethom,

FTIEHMU DAN LI ĠEJ:

KAPITOLU 1

RIŻORSI FINANZJARJI

Artikolu 1

Riżorsi tal-11-il FEŻ

1. L-Istati Membri b'dan jistabbilixxu l-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, minn hawn 'il quddiem "il-11-il FEŻ".

2. Il-11-il FEŻ għandu jikkonsisti f'dan li ġej:

(a) ammont ta' EUR 30 506 miljun (fi prezzijiet attwali) ikkontribwit mill-Istati Membri kif ġej:

Stat Membru	Fattur tal-kontribuzzjoni (%)	Kontribuzzjoni f'EUR
Belġju	3,24927	991 222 306
Bulgarija	0,21853	66 664 762

Stat Membru	Fattur tal-kontribuzzjoni (%)	Kontribuzzjoni f'EUR
Repubblika Ċeka	0,79745	243 270 097
Danimarka	1,98045	604 156 077
Ġermanja	20,5798	6 278 073 788
Estonja	0,08635	26 341 931
Irlanda	0,94006	286 774 704
Greċja	1,50735	459 832 191
Spanja	7,93248	2 419 882 349
Franza	17,81269	5 433 939 212
Kroazja (*)	0,22518	68 693 411
Italja	12,53009	3 822 429 255
Ċipru	0,11162	34 050 797

⁽¹⁾ ĠU C 46, 24.2.2006, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30.

Stat Membru	Fattur tal-kontribuzzjoni (%)	Kontribuzzjoni f'EUR
Latvja	0,11612	35 423 567
Litwanja	0,18077	55 145 696
Lussemburgu	0,25509	77 817 755
Ungerija	0,61456	187 477 674
Malta	0,03801	11 595 331
Pajjiżi l-Baxxi	4,77678	1 457 204 507
Awstrija	2,39757	731 402 704
Polonja	2,00734	612 359 140
Portugall	1,19679	365 092 757
Rumanija	0,71815	219 078 839
Slovenja	0,22452	68 492 071
Slovakkja	0,37616	114 751 370
Finlandja	1,50909	460 362 995
Svezja	2,93911	896 604 897
Renju Unit	14,67862	4 477 859 817
TOTAL	100,00000	30 506 000 000

(*) Ammont stmat.

L-ammont ta' EUR 30 506 miljun għandu jkun disponibbli mid-dħul fis-seħħ tal-qafas finanzjarju pluriennali, għall-perijodu mill-2014 sal-2020, li minnhom

- (i) EUR 29 089 miljun għandhom jiġu allokati lill-Istati AKP;
- (ii) EUR 364,5 miljun għandhom jiġu allokati lill-OCTs;
- (iii) EUR 1 052,5 miljun għandhom jiġu allokati lill-Kummissjoni għas-sostenn tan-nefqa kif imsemmi fl-Artikolu 6, konnessi mal-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-11-il FEŻ; li ta' mill-inqas EUR 76,3 miljun minnhom għandhom jiġu allokati lill-Kummissjoni biex ittejjeb l-impatt tal-programmi FEŻ kif imsemmi fl-Artikolu 6(3).
- (b) b'eċċezzjoni tal-għotjiet għall-iffinanzjar tas-sussidji tar-rata ta' interess, il-fondi msemmija fl-Annessi I u Ib għall-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE u l-Annessi II A u II Aa tad-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea u allokati taħt id-9 FEŻ u l-10 FEŻ għall-iffinanzjar tar-riżorsi tal-Faċilitajiet ta' Investiment mhumix affettwati mid-Deċiżjoni 2005/446/KE⁽¹⁾, u l-paragrafu 5 tal-Anness Ib għall-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE li jistipula d-dati sa meta jistgħu jiġu allokati l-fondi tad-9 FEŻ u l-10 FEŻ. Dawk il-fondi għandhom jiġu trasferiti fil-11-il FEŻ u jiġu ġestiti skont l-arranġamenti għall-implimentazzjoni fil-11-il FEŻ, fir-rigward tal-

fondi msemmija fl-Annessi I u Ib għall-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perijodu mill-2014 sal-2020 skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u, fir-rigward tal-fondi msemmija fl-Annessi II A u II Aa tad-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea, mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-assistenza finanzjarja lill-OCTs għall-perijodu mill-2014 sal-2020.

3. Wara l-31 ta' Diċembru 2013, jew wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perijodu mill-2014 sal-2020 jekk dik id-data tinzerta aktar tard, il-bilanċi mill-10 FEŻ jew minn FEŻ preċedenti ma għandhomx ikunu aktar impenjati, sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor mill-Kunsill b'mod unanimu, abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, bl-eċċezzjoni tal-bilanċi u l-fondi diżimpenjati wara d-data rilevanti u li jirriżultaw mis-sistema li tiggarantixxi l-istabbilizzazzjoni tad-dħul mill-esportazzjoni minn prodotti agrikoli primarji (Stabex) taħt il-FEŻ qabel id-9 FEŻ, u ta' dawk il-fondi msemmija fil-paragrafu 2(b).

4. Il-fondi diżimpenjati minn proġetti taħt l-10 FEŻ jew mill-FEŻ preċedenti wara l-31 ta' Diċembru 2013, jew wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perijodu mill-2014 sal-2020 jekk dik id-data tinzerta aktar tard, ma għandhomx jibqgħu impenjati, sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor mill-Kunsill b'mod unanimu, abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, bl-eċċezzjoni tal-fondi diżimpenjati wara d-data rilevanti u li jirriżultaw mis-sistema li tiggarantixxi l-istabbilizzazzjoni tad-dħul mill-esportazzjoni minn prodotti agrikoli primarji (Stabex) taħt il-FEŻ qabel id-9 FEŻ, li għandhom awtomatikament jiġu ttrasferiti għall-programmi indikattivi nazzjonali rispettivi msemmija fil-punt (a)(i) tal-Artikolu 2 u fl-Artikolu 3(1), u l-fondi sabiex jiffinanzjaw ir-riżorsi tal-Faċilitajiet ta' Investiment imsemmija fil-paragrafu 2(b) ta' dan l-Artikolu.

5. L-ammont totali tar-riżorsi tal-11-il FEŻ għandu jkopri l-perijodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020. Il-fondi tal-11-il FEŻ, u fil-każ tal-Faċilità tal-Investment il-fondi li ġejjin minn rimborżi, ma għandhomx jibqgħu impenjati wara l-31 ta' Diċembru 2020, sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix mod ieħor b'mod unanimu, fuq proposta tal-Kummissjoni. Madankollu, il-fondi sottoskritti mill-Istati Membri taħt id-9, l-10 u l-11-il FEŻ sabiex jiffinanzjaw il-Faċilità tal-Investment għandhom jibqgħu disponibbli għall-infiq wara l-31 ta' Diċembru 2020, sad-data li trid tiġi stabbilita fir-Regolament Finanzjarju msemmi fl-Artikolu 10(2).

6. Id-dħul minn imgħax li jirriżulta minn operazzjonijiet iffianzjati taħt l-impenji li saru taħt il-FEŻ preċedenti u fuq il-fondi tal-11-il FEŻ ġestiti mill-Kummissjoni għandhom jiġu kkreditati f'kont bankarju wieħed jew aktar miftuħa fisem il-Kummissjoni, u għandhom jintużaw skont it-termini tal-Artikolu 6. L-użu tad-dħul iġġenerat minn imgħax fuq il-fondi ġestiti mill-BEI għandu jiġi determinat fil-qafas tar-Regolament Finanzjarju msemmi fl-Artikolu 10(2).

7. Jekk Stat ġdid jissieħeb mal-Unjoni, l-ammonti u l-koeffiċjenti tal-kontribuzzjoni msemmija fil-paragrafu 2(a) għandhom jiġu emendati b'deċiżjoni tal-Kunsill li taġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni.

(¹) Id-Deċiżjoni 2005/446/KE tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2005 li tistabbilixxi terminu perentorju għall-impenn tal-fondi tad-Disa' Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF) (ĠU L 156, 18.6.2005, p. 19).

8. Ir-riżorsi finanzjarji jistgħu wkoll jiġu aġġustati permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li jaġixxi b'mod unanimu, partikolarment bi qbil mal-Artikolu 62(2) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE.

9. Kull Stat Membru jista', mingħajr ħsara għar-regoli dwar it-tehd tad-deċiżjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 8, jagħti lill-Kummissjoni jew lill-BEI kontribuzzjonijiet volontarji biex jappoġġa l-oġġettivi tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE. L-Istati Membri jistgħu wkoll jikkofinanzjaw proġetti jew programmi, eż. taħt inizzjattivi speċifiċi ġestiti mill-Kummissjoni jew mill-BEI. Is-sjeda ta' tali inizzjattivi mill-Istati AKP fil-livell nazzjonali għandha tiġi garantita.

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni u dak Finanzjarju msemmijin fl-Artikolu 10 għandhom jinkludu d-dispożizzjonijiet meħtieġa dwar il-kofinanzjament mill-11-il FEŻ, u dwar il-kofinanzjament tal-attivitajiet implimentati mill-Istati Membri. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kunsill bil-quddiem dwar il-kontribuzzjoni volontarji tagħhom.

10. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom jagħmlu reviżjoni tal-prestazzjoni, b'valutazzjoni tal-grad ta' twettiq tal-impenji u ħlasijiet, u r-riżultati u l-impatt tal-għajna mogħtija. Ir-reviżjoni għandha ssir abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni.

Artikolu 2

Riżorsi allokat għall-Istati AKP

L-ammont ta' EUR 29 089 miljun imsemmi fil-punt (a)(i) tal-Artikolu 1(2) għandu jiġi allokat bejn l-istrumenti ta' kooperazzjoni kif ġej:

(a) l-ammont ta' EUR 24 365 miljun għall-finanzjament ta' programmi indikattivi nazzjonali u reġjonali. Din l-allokkazzjoni għandha tintuża biex jiġu ffinanzjati:

(i) il-programmi indikattivi nazzjonali tal-Istati AKP skont l-Artikoli 1 sa 5 tal-Anness IV għall-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE;

(ii) programmi indikattivi reġjonali ta' appoġġ għall-kooperazzjoni u l-integrazzjoni reġjonali u inter-reġjonali tal-Istati AKP skont l-Artikoli 6 sa 11 tal-Anness IV għall-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE;

(b) l-ammont ta' EUR 3 590 miljun għall-finanzjament ta' kooperazzjoni intra-AKP u interreġjonali bl-involvement ta' ħafna mill-Istati AKP jew kollha kemm huma, skont l-Artikoli 12 sa 14 tal-Anness IV għall-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE. Dan il-pakkett jista' jinkludi l-appoġġ strutturali għal istituzzjonijiet u korpi mahluka skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE. Dan il-pakkett għandu jkopri l-assistenza għanefqa operattiva tas-Segretarjat tal-AKP imsemmi fil-punti 1 u 2 tal-Protokoll 1 meħmuż mal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE;

(c) parti mir-riżorsi msemmija taħt il-punti (a) u (b) jistgħu jintużaw biex ikopru ħtiġijiet mhux previsti u biex itaffu l-effetti negattivi b'terminu qasir ta' xokkijiet eżoġeni, skont l-Artikoli 60, 66, 68, 72, 72a u 73 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE u l-Artikoli 3 u 9 tal-Anness IV mal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, inkluż, kif adatt, għajna umanitarja

kumplimentarja b'terminu qasir u assistenza ta' emerġenza fejn tali appoġġ ma jistax jiġi ffinanzjat mill-baġit tal-Unjoni;

(d) l-ammont ta' EUR 1 134 miljun allokat lill-BEI sabiex jiffinanzja l-Faċilità ta' Investiment skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness II għall-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, li jinkludu kontribuzzjoni addizzjonali ta' EUR 500 miljun għar-riżorsi tal-Faċilità ta' Investiment, amministrati bħal fond li jista' jerġa' jintuża, u EUR 634 miljun fil-forma ta' għotjiet għall-finanzjament ta' sussidji fuq ir-rati tal-interessi u assistenza teknika marbuta ma' proġetti stipulati fl-Artikoli 1, 2 u 4 tal-Anness II mal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE matul il-perijodu tal-11-il FEŻ.

Artikolu 3

Riżorsi allokat għall-OCTs

1. L-ammont ta' EUR 364,5 miljun imsemmi fil-punt (a)(ii) tal-Artikolu 1(2) għandu jiġi allokat skont Deċiżjoni ġdida dwar l-Assoċjazzjoni *Extra-Ewropea* li għandha tittieħed mill-Kunsill qabel il-31 ta' Diċembru 2013, li minnhom EUR 359,5 miljun għandhom jiġu allokat biex jiġu ffinanzjati programmi territorjali u reġjonali, u EUR 5 miljuni għandhom ikunu fil-forma ta' allokkazzjoni lil l-BEI għall-finanzjament ta' sussidji tal-imgħax u ta' assistenza teknika skont id-Deċiżjoni ġdida dwar l-Assoċjazzjoni *Extra-Ewropea*.

2. Meta OCT isir indipendenti u jissieħeb mal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, l-ammont indikat fil-paragrafu 1, jiġifieri EUR 364,5 miljun, għandu jitnaqqas u l-ammonti indikati fil-punt (a)(i) tal-Artikolu 2 għandhom jiżdiedu b'mod li jikkorrispondi, b'deċiżjoni tal-Kunsill li jaġixxi b'mod unanimu, fuq proposta mill-Kummissjoni.

Artikolu 4

Self mir-riżorsi proprji tal-BEI

1. Mal-ammont allokat għall-Faċilità ta' Investiment taħt id-9, l-10 u l-11-il FEŻ imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 1(2) u l-ammont imsemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 2 għandu jiżdied ammont indikattiv sa mhux aktar EUR 2 600 miljun fil-forma ta' self mogħti mill-BEI mir-riżorsi proprji tiegħu. Dawk ir-riżorsi għandhom jiġu allokat għall-finijiet stabbiliti fl-Anness II għall-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE sa ammont ta' EUR 2 500 miljun li jista' jiżdied f'nofs it-terminu wara deċiżjoni li għandha tittieħed mill-korpi ta' ġestjoni tal-BEI, u sa ammont ta' mhux aktar minn EUR 100 miljun għall-finijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni *Extra-Ewropea*, skont il-kundizzjonijiet speċifikati fl-Istatuti tagħha u t-termini u l-kundizzjonijiet rilevanti għall-finanzjament ta' investiment kif stipulati fl-Anness II għall-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE u d-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni *Extra-Ewropea*.

2. L-Istati Membri għandhom jintrabtu li jaġixxu bħala garanti għall-BEI skont il-proporzjon tal-kontribuzzjoni tagħhom mal-kapital tiegħu, waqt li jirrinunzjaw għad-dritt li joġġezzjonaw, fir-rigward tal-impenji finanzjarji kollha li jirriżultaw minn dawk li jissellfu fuq kuntratti ta' self konklużi mal-BEI mir-riżorsi proprji tiegħu skont l-Artikolu 1(1) tal-Anness II mal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE u tad-dispożizzjonijiet korrispondenti tad-Deċiżjoni.

3. Il-garanzija msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun ristretta għall-75 % tal-ammont totali tal-krediti miftuħa mill-BEI skont il-kuntratti kollha tas-self u għandha tkopri r-riskji kollha għal proġetti fis-settur pubbliku. Għal proġetti fis-settur privat, il-garanzija għandha tkopri r-riskji politiċi kollha, iżda l-BEI se jassumi r-riskju kummerċjali sħiħ.

4. L-impriżi msemmijin fil-paragrafu 2 għandhom ikunu s-suġġett ta' kuntratti ta' garanzija bejn kull Stat Membru u l-BEI.

Artikolu 5

Operazzjonijiet ġestiti mill-BEI

1. Pagamenti magħmula lill-BEI fir-rigward ta' self speċjali mogħti lill-Istati AKP, lill-OCTs u lid-Dipartimenti Franċiżi *extra-Ewropej* flimkien mal-introjt u d-dħul mill-operazzjonijiet ta' kapital ta' riskju, taħt il-FEŻ qabel id-9 FEŻ, għandhom jiġu kreditati lill-Istati Membri pro rata skont il-kontribuzzjonijiet tagħhom lejn il-FEŻ li jikkonċerna l-ammonti, dment li l-Kunsill ma jiddeċidix b'mod unanimu, fuq proposta mill-Kummissjoni, li jpoġġiehom frisreva jew li jallokathom għal xi skopijiet oħrajn.

2. Kull kummissjoni dovuta lill-BEI għall-amministrazzjoni tas-self u l-operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandha titnaqqas bil-quddiem mill-ammonti li għandhom jiġu kkreditati lill-Istati Membri.

3. L-introjt u d-dħul akkwistati mill-BEI minn operazzjonijiet taħt il-Faċilità tal-Investment taħt id-9, l-10 u l-11-il FEŻ għandhom jintużaw għal aktar operazzjonijiet taħt il-Faċilità tal-Investment, skont l-Artikolu 3 tal-Anness II tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE u wara t-tnaqqis ta' spejjeż u responsabbiltajiet eċċezzjonali li jirriżultaw b'konnessjoni mal-Faċilità tal-Investment.

4. Il-BEI għandu jitħallas b'garanzija sħiħa għall-ġestjoni tal-operazzjonijiet tal-Faċilità tal-Investment imsemmija fil-paragrafu 3, skont l-Artikolu 3(1a) tal-Anness II mal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE u mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni *Extra-Ewropea*.

Artikolu 6

Riżorsi riservati għan-nefqa tal-appoġġ tal-Kummissjoni marbuta mal-FEŻ

1. Ir-riżorsi tal-11-il FEŻ għandhom ikopru l-ispejjeż tal-miżuri ta' appoġġ. Ir-riżorsi msemmija fil-punt (a)(iii) tal-Artikolu 1(2) u fl-Artikolu 1(6) għandhom ikopru l-ispejjeż marbutin mal-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-FEŻ li mhumex neċessarjament koperti mill-karti ta' strateġija u programmi indikattivi multiannwali msemmijin fir-Regolament ta' Implimentazzjoni li għandu jiġi adottat skont l-Artikolu 10(1) ta' dan il-Ftehim. Il-Kummissjoni għandha, kull sentejn, tipprovi informazzjoni dwar kif jintefqu dawn ir-riżorsi u dwar sforzi ulterjuri biex isir iffrankar ta' effiċjenza u gwadann ta' effiċjenza. Il-Kummissjoni għandha tagħti pariri lill-Istati Membri qabel kull ammont addizzjonali li jiġi miġbud mill-baġit tal-UE għall-implimentazzjoni tal-FEŻ.

2. Ir-riżorsi għal miżuri ta' appoġġ jistgħu jkopru l-infiq tal-Kummissjoni assoċjat ma':

(a) l-attivitajiet ta' thejġija, segwitu, monitoraġġ, kontabbiltà, verifika u evalwazzjoni, inkluż rappurtar dwar ir-riżultati,

meħtieġa b'mod dirett għall-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ;

(b) il-kisba tal-għanijiet tal-FEŻ, permezz ta' attivitajiet ta' riċerka dwar il-politika għall-iżvilupp, studji, laqgħat, informazzjoni, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, taħriġ u attivitajiet ta' pubblikazzjoni, inkluż l-għoti ta' informazzjoni u attivitajiet ta' komunikazzjoni li, fost l-oħrajn, jirrapurtaw dwar ir-riżultati tal-programmi tal-FEŻ. Il-baġit allokat għall-komunikazzjoni taħt dan il-Ftehim għandu jkopri wkoll komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-FEŻ; u

(c) in-netwerks tal-kompjuter għall-iskambju ta' informazzjoni, u kwalunkwe nfiq għall-assistenza amministrattiva jew teknika oħra għall-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-FEŻ.

Ir-riżorsi msemmija fil-punt (a)(iii) tal-Artikolu 1(2) u fl-Artikolu 1(6) għandhom ikopru wkoll in-nefqa kemm fil-Kwartieri Ġenerali u fid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni dwar l-appoġġ amministrattiv meħtieġ biex jiġu pprogrammati u amministrati operazzjonijiet iffinanzjati skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE u d-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni *Extra-Ewropea*.

Ir-riżorsi msemmija fil-punt (a)(iii) tal-Artikolu 1(2) u fl-Artikolu 1(6) ma għandhomx ikunu assenjati għall-kompiti prinċipali tas-servizz pubbliku Ewropew.

3. Ir-riżorsi għal miżuri ta' appoġġ biex jittejjeb l-impatt ta' programmi tal-FEŻ mogħtija f'punt (a)(iii) tal-Artikolu 1(2) għandhom jinkludu l-infiq tal-Kummissjoni assoċjat mal-implimentazzjoni ta' qafas komprensiv ta' riżultati u sorveljanza u evalwazzjoni aħjar tal-programmi tal-FEŻ mill-2014 'l hawn. Ir-riżorsi għandhom jappoġġaw ukoll l-isforzi tal-Kummissjoni biex ittejjeb il-ġestjoni u t-tbassir finanzjarju tal-FEŻ b'rapporti regolari dwar il-progress.

KAPITOLU II

DISPOŻIZZJONIJET IMPLIMENTATTIVI U FINALI

Artikolu 7

Kontribuzzjonijiet għall-11-il FEŻ

1. Il-Kummissjoni għandha, filwaqt li tqis il-previżjonijiet tal-BEI li jikkonċernaw l-amministrazzjoni u l-operat tal-Faċilità tal-Investment, tistabbilixxi u tikkomunika lill-Kunsill sal-20 ta' Ottubru ta' kull sena dikjarazzjoni tal-impenji, il-ħlasijiet u l-ammont annwali tas-sejthiet għal kontribuzzjonijiet li għandhom isiru fis-sena baġitarja attwali u fis-sentejn baġitarji segwenti. Dawn l-ammonti għandhom ikunu bbażati fuq il-kapaċità li jitwassal il-livell propost ta' riżorsi b'mod effettiv.

2. Fuq proposta mill-Kummissjoni, li tispjega ishma rispettivi għall-Kummissjoni u għall-BEI, il-Kunsill għandu jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata, kif stipulat fl-Artikolu 8, dwar il-limitu massimu għall-kontribuzzjoni annwali għat-tieni sena wara l-proposta mill-Kummissjoni ($n + 2$) u, fil-limitu massimu deċiż fis-sena preċedenti, dwar l-ammont annwali għas-sejħa għall-kontribuzzjonijiet għall-ewwel sena wara l-proposta mill-Kummissjoni ($n + 1$).

3. Jekk il-kontribuzzjonijiet deċiżi skont il-paragrafu 2 jitlebbu mill-ħtiġijiet attwali tal-11-il FEŻ matul is-sena finanzjarja inkwistjoni, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Kunsill il-proposti għall-emendar tal-ammonti ta' kontribuzzjoni fil-limitu msemmi fil-paragrafu 2. F'dan ir-rigward, il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni permezz ta' maġġoranza kwalifikata kif stipulat fl-Artikolu 8.

4. Is-sejħiet għal kontribuzzjonijiet ma jistgħux jaqbu l-limitu massimu msemmi fil-paragrafu 2, u lanqas ma jista' jidied il-limitu massimu għajr meta jkun deċiż hekk mill-Kunsill permezz ta' maġġoranza kwalifikata kif stipulat fl-Artikolu 8 f'każijiet ta' ħtiġijiet speċjali li jirriżultaw minn ċirkostanzi eċċezzjonali jew imprevisti, bħalma huma sitwazzjonijiet ta' wara l-kriżi. F'dan il-każ, il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom jiżguraw li l-kontribuzzjonijiet jikkorrispondu mal-ħlasijiet mistennija.

5. Il-Kummissjoni għandha, filwaqt li tqis il-previżjonijiet tal-BEL, tikkomunika lill-Kunsill sal-20 Ottubru ta' kull sena l-istimi tagħha għall-impenji, il-ħlasijiet u l-kontribuzzjonijiet għal kull waħda mit-tliet snin baġitarji segwenti.

6. Fir-rigward tal-fondi trasferiti mill-FEŻ preċedenti għall-11-il FEŻ skont il-punt (b) tal-Artikolu 1(2), il-kontribuzzjonijiet ta' kull Stat Membru għandhom jiġu kkalkulati pro rata skont il-kontribuzzjonijiet ta' kull Stat Membru għall-FEŻ inkwistjoni.

Fir-rigward ta' kwalunkwe fondi tal-10 FEŻ u fondi tal-FEŻ preċedenti li ma jiġux trasferiti għall-11-il FEŻ, l-impatt tal-kontribuzzjoni ta' kull Stat Membru għandu jiġi kkalkulat pro rata skont il-kontribuzzjoni ta' kull Stat Membru għall-10 FEŻ.

7. Ir-regoli dettaljati għall-ħlasijiet ta' kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri għandhom jiġu determinati permezz tar-Regolament Finanzjarju msemmi fl-Artikolu 10(2).

Artikolu 8

Il-Kumitat tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp

1. Kumitat ("il-Kumitat tal-FEŻ") li jikkonsisti f'Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri għandu jkun stabbilit fil-Kummissjoni għar-riżorsi tal-11-il FEŻ li tamministra l-Kummissjoni. Il-Kumitat tal-FEŻ għandu jiġi presedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni, u s-segretarjat tiegħu għandu jiġi pprovdut mill-Kummissjoni. Osservatur mill-BEL għandu jipparteciġa fil-proċedimenti tal-kumitat fir-rigward tal-kwistjonijiet li jikkonċernaw il-BEL.

2. Fi ħdan il-Kumitat tal-FEŻ, il-voti tal-Istati Membri għandhom jiġu ppeżati kif ġej:

Stat Membru	Votes
Belġju	33
Bulgarija	2
Repubblika Ċeka	8
Danimarka	20
Ġermanja	206
Estonja	1

Stat Membru	Votes
Irlanda	9
Greċja	15
Spanja	79
Franza	178
Kroazja (*)	[2]
Italja	125
Ċipru	1
Latvja	1
Litwanja	2
Lussemburgu	3
Ungerija	6
Malta	1
Pajjiżi l-Baxxi	48
Awstrija	24
Polonja	20
Portugall	12
Rumanija	7
Slovenja	2
Slovakkja	4
Finlandja	15
Isvezja	29
Renju Unit	147
Total UE 27	998
Total UE 28 (*)	[1 000]

(*) Vot stmat.

3. Il-Kumitat tal-FEŻ għandu jaġixxi b' maġġoranza kwalifikata ta' 720 vot minn 998, li jesprimu vot favur mingħand mill-inqas 14-il Stat Membru. Il-minoranza li timblokka għandha tikkonsisti f'279 vot.

4. Jekk Stat ġdid jissieħeb mal-Unjoni, l-ippeżar stabbilit fil-paragrafu 2 u l-maġġoranza kwalifikata msemmija fil-paragrafu 3 għandhom jiġu emendati permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill, li jaġixxi b' mod unanimu.

5. Il-Kunsill għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat tal-FEŻ waqt li jaġixxi b' mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni.

Artikolu 9

Il-Kumitat tal-Faċilità tal-Investment

1. Kumitat ("il-Kumitat tal-Faċilità tal-Investment") li jikkonsisti minn Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri u minn rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jkun stabbilit taħt

l-awspiċji tal-BEI. Il-BEI għandu jipprovdi s-segretarjat tal-Kumitat u s-servizzi ta' appoġġ. Il-President tal-Kumitat tal-Faċilità tal-Investment għandu jiġi elett mill-membri tal-Kumitat u minn fosthom.

2. Il-Kunsill għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat tal-Faċilità tal-Investment, li jaġixxi b'mod unanimu.

3. Il-Kumitat tal-Faċilità tal-Investment għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, kif stipulat fl-Artikolu 8(2) u 8(3).

Artikolu 10

Dispożizzjonijiet implimentattivi

1. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 8 ta' dan il-Ftehim u d-dritt tal-vot tal-Istati Membri taħtu, id-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 617/2007 tal-14 ta' Mejju 2007 dwar l-implimentazzjoni tal-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp taħt il-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE ⁽¹⁾ u għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2304/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 li jimplimenta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/822/KE ⁽²⁾ fir-rigward ta' assistenza lill-OCTs għandhom jibqgħu fis-seħħ sakemm issir l-adozzjoni mill-Kunsill ta' regolament ta' implimentazzjoni tal-11-il FEŻ ("ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-11-il FEŻ") u għar-regoli ta' implimentazzjoni għal Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea. Ir-Regolament tal-Implimentazzjoni għall-11-il FEŻ għandu jiġi deċiż b'mod unanimu, fuq proposta mill-Kummissjoni u wara li jiġi kkonsultat il-BEI. Ir-regoli ta' implimentazzjoni għall-assistenza finanzjarja mill-Unjoni lill-OCTs għandhom ikunu adottati wara l-adozzjoni ta' Deċiżjoni ġdida dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea riveduta mill-Kunsill b'mod unanimu u b'konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-11-il FEŻ u r-regoli ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea għandhom jinkludu l-modifiki u t-titjib xierqa għall-ipprogrammar u l-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet, biex ikompli jarmonizzaw il-proċeduri tal-Unjoni u tal-11-il FEŻ kemm jista' jkun. Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-11-il FEŻ għandu, barra minn hekk, iżomm ċerti proċeduri ta' ġestjoni għall-Faċilità għall-Paċi Afrikana. Bil-ħsieb li l-assistenza finanzjarja u teknika għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 11b tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ser tkun iffinanzjata minn strumenti speċifiċi għajr dawk maħsuba għall-finanzjament tal-Kooperazzjoni AKP-UE, l-attivitajiet żviluppati skont dawk id-dispożizzjonijiet jeħtieġu li jiġu approvati minn qabel permezz ta' proċeduri ta' ġestjoni baġitarji speċifikati.

Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-11-il FEŻ għandu jkun fih miżuri adatti sabiex jiġi permess it-tqabbil tal-finanzjament ta' krediti mill-11-il FEŻ u mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali biex jiġu ffinanzjati proġetti ta' kooperazzjoni bejn ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u l-Istati AKP kif ukoll l-OCTs fil-Karibew, fl-Afrika tal-Punent u fl-Oċean Indjan, b'mod partikolari mekkaniżmi simplifikati għall-ġestjoni konġunta ta' tali proġetti.

2. Għandu jiġi adottat Regolament Finanzjarju mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata kif stabbilit fl-Artikolu 8,

abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni u wara li tkun ingħatat opinjoni mill-BEI dwar dawk id-dispożizzjonijiet li jikkonċernawh, kif ukoll mill-Qorti tal-Awdituri.

3. Il-Kummissjoni se tippreżenta l-proposti tagħha għar-regolamenti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 waqt li tagħmel dispożizzjoni, *inter alia*, għall-possibbiltà li tiddelega l-implimentazzjoni tal-kompiti lil partijiet terzi.

Artikolu 11

L-implimentazzjoni finanzjarja, il-kontabbiltà, il-verifika u l-kwittanza

1. Il-Kummissjoni għandha tieħu ħsieb l-implimentazzjoni finanzjarja tal-pakketti li tamministra u partikolarment l-eżekuzzjoni finanzjarja ta' proġetti u programmi, skont ir-Regolament Finanzjarju msemmi fl-Artikolu 10(2). Dwar l-irkupru ta' somom imħallsa indebitament, id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni għandhom ikunu infurzabbli f'konformità mal-Artikolu 299 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

2. Il-BEI għandu jamministra l-Faċilità tal-Investment u jwettaq operazzjonijiet stabbiliti hemmhekk fisem l-Unjoni, skont ir-regoli stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju msemmi fl-Artikolu 10(2). Meta jagħmel dan, il-BEI ikun qed jaġixxi għar-riskju tal-Istati Membri. Xi drittijiet li jirriżultaw minn tali operazzjonijiet, partikolarment id-drittijiet bħala kreditur jew padrun, għandhom ikunu mogħtija lill-Istati Membri.

3. Il-BEI għandu jwettaq, skont l-istatuti u l-aħjar Prattika Bankarja, l-implimentazzjoni finanzjarja ta' operazzjonijiet permezz ta' self mir-riżorsi proprji tiegħu kif imsemmi fl-Artikolu 4, meta applikabbli flimkien ma' sussidji fuq ir-rata tal-interessi meħuda minn riżorsi tal-ghotjet tal-FEŻ.

4. Għal kull sena finanzjarja, il-Kummissjoni għandha tfassal u tapprova l-kontijiet tal-FEŻ u tibgħathom lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri.

5. Kull sena, il-BEI għandu jibgħat lill-Kummissjoni u lill-Kunsill ir-rapport annwali tiegħu dwar l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet iffinanzjati mir-riżorsi tal-FEŻ li huwa jamministra.

6. Suġġett għall-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu, il-Qorti tal-Awdituri għandha teżerċita s-setgħat konferiti lilha permezz tal-Artikolu 287 tat-TFUE fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-FEŻ. Il-kundizzjonijiet li permezz tagħhom il-Qorti tal-Awdituri teżerċita l-poteri tagħha għandhom ikunu stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju msemmi fl-Artikolu 10(2).

7. Il-kwittanza tal-amministrazzjoni finanzjarja tal-FEŻ, esklużi l-operazzjonijiet amministrati mill-BEI, għandha tingħata lill-Kummissjoni mill-Parlament Ewropew fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata kif stabbilit fl-Artikolu 8.

8. L-operazzjonijiet finanzjati mir-riżorsi tal-FEŻ ġestiti mill-BEI għandhom jiġu suġġetti għall-kontroll u l-proċeduri ta' kwittanza stabbiliti permezz tal-Istatut tal-BEI għall-operazzjonijiet kollha tiegħu.

⁽¹⁾ ĠU L 152, 13.6.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 348, 21.12.2002, p. 82.

*Artikolu 12***Klawsola ta' revizzjoni**

L-Artikolu 1(3) u l-Artikoli li jinsabu fil-Kapitolu II, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 8, jistgħu jiġu emendati mill-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-BEI għandu jkun assoċjat mal-proposta tal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet li jirrigwardjaw l-attivitàjiet tiegħu u dawk tal-Faċilità tal-Investment.

*Artikolu 13***Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna**

L-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandha tkun f'konformità mad-Deċiżjoni 2010/427/UE li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

*Artikolu 14***Ratifika, dħul fis-seħħ u perijodu ta' validità**

1. Kull Stat Membru għandu japprova dan il-Ftehim skont ir-rekwiżiti kostituzzjonali tiegħu stess. Il-Gvern ta' kull Stat Membru għandu jinnotifika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea meta l-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ikunu twettqu.

2. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara n-notifika ta' approvazzjoni ta' dan il-Ftehim tal-aħħar Stat Membru.

3. Dan il-Ftehim huwa konkluż għall-istess perijodu ta' validità bħall-qafas finanzjarju pluriennali għall-perijodu mill-2014 sal-2020 anness mal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE u l-perijodu ta' validità tad-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni *Extra-Ewropea* (2014 sa 2020). Madankollu, minkejja l-Artikolu 1(4), dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ sakemm ikun meħtieġ sabiex l-operazzjonijiet kollha ffinanzjati taħt il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, id-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni *Extra-Ewropea* u l-qafas finanzjarju pluriennali jkunu twettqu kompletament.

*Artikolu 15***Lingwi awtentiċi**

Dan il-Ftehim, imfassal f'oriġinal wieħed bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża, Taljana u Ungeriża, b'kull test minnhom ugwalment awtentiku, għandu jiġi depożitat fl-arkivji tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, li għandu jibgħat kopja ċertifikata lil kull wieħed mill-Gvernijiet tal-Istati firmatarji.

Съставено в Люксембург и Брюксел съответно на двадесет и четвърти юни и на двадесет и шести юни две хиляди и тринадесета година.

Hecho en Luxemburgo y en Bruselas, el veinticuatro de junio de dos mil trece y el veintiseis de junio de dos mil trece respectivamente.

V Lucemburku dne dvacátého čtvrtého června dva tisíce třináct a v Bruselu dne dvacátého šestého června dva tisíce třináct.

Udfærdiget i Luxembourg og Bruxelles, henholdsvis den fireogtyvende juni og den seksogtyvende juni to tusind og tretten.

Geschehen zu Luxemburg und Brüssel am vierundzwanzigsten Juni beziehungsweise am sechsundzwanzigsten Juni zweitausenddreizehn.

Kahe tuhande kolmeteistkümnenda aasta juunikuu kahekümne neljandal päeval Luxembourgis ja kahe tuhande kolmeteistkümnenda aasta juunikuu kahekümne kuuendal päeval Brüsselis.

Έγινε στο Λουξεμβούργο και στις Βρυξέλλες στις είκοσι τέσσερις Ιουνίου και στις είκοσι έξι Ιουνίου του έτους δύο χιλιάδες δεκατρία, αντιστοίχως.

Done at Luxembourg and Brussels, on the twenty-fourth day of June and on the the twenty-sixth day of June in the year two thousand and thirteen, respectively.

Fait à Luxembourg et à Bruxelles, le vingt-quatre juin et le vingt-six juin deux mille treize respectivement.

Fatto a Lussemburgo e a Bruxelles, rispettivamente addì ventiquattro giugno e ventisei giugno duemilatrecenti.

Luksemburgā un Briselē, attiecīgi, divi tūkstoši trīspadsmitā gada divdesmit ceturtajā jūnijā un divdesmit sestajā jūnijā.

Priimta atitinkamai du tūkstančiai trylikų metų birželio dvidešimt ketvirtą dieną ir birželio dvidešimt šeštą dieną Liuksemburge ir Briuselyje.

Kelt Luxembourgban, a kétezer-tizenharmadik év június havának huszonnegyedik napján, illetve Brüsszelben, a kétezer-tizenharmadik év június havának huszonhatodik napján.

Magħmul fil-Lussemburgu u fi Brussell, fl-erbgħa u għoxrin jum ta' Ġunju u fis-sitta u għoxrin jum ta' Ġunju fis-sena elfejn u tlettax, rispettivament.

Gedaan te Luxemburg en te Brussel op vierentwintig, respectievelijk zesentwintig juni tweeduizend dertien

Sporządzono w Luksemburgu i w Brukseli odpowiednio dnia dwudziestego czwartego czerwca i dwudziestego szóstego czerwca roku dwa tysiące trzynastego

Feito no Luxemburgo e em Bruxelas, em vinte e quarto e vinte e seis de junho de dois mil e treze, respetivamente.

Întocmit la Luxemburg și Bruxelles, la douăzeci și patru iunie și, respectiv, la douăzeci și șase iunie două mii treisprezece.

V Luxemburgu dvadsiateho štvrtého júna a v Bruseli dvadsiateho šiesteho júna dvetisíctrinásť.

Sestavljeno v Luxembourgju in Bruslju na štiriindvajseti dan meseca junija oziroma šestindvajseti dan meseca junija leta dva tisoč trinajst.

Tehty Luxemburgissa kahdentenäkymmenentenäneljäntenä päivänä kesäkuuta ja Brysselissä kahdentenäkymmenentenäkuudentena päivänä kesäkuuta vuonna kaksituhattakolmetoista.

Som skedde i Luxemburg och Bryssel den tjugofjärde juni respektive den tjugosjätte juni tjugohundratretton.

Voor het Koninkrijk België
Pour le Royaume de Belgique
Für das Königreich Belgien



За Република България



Za prezidenta České republiky



For Hendes Majestæt Danmarks Dronning




Für den Präsidenten der Bundesrepublik Deutschland




Eesti Vabariigi nimel

A stylized, cursive signature in black ink, likely belonging to the Estonian President at the time.

Thar ceann Uachtarán na hÉireann
For the President of Ireland

A cursive signature in black ink, likely belonging to the President of Ireland.


Για τον Πρόεδρο της Ελληνικής Δημοκρατίας

A cursive signature in black ink, likely belonging to the President of the Hellenic Republic.


Por Su Majestad el Rey de España

A cursive signature in black ink, likely belonging to the King of Spain.

Pour le Président de la République française

A cursive signature in black ink, likely belonging to the President of the French Republic.

Per il Presidente della Repubblica italiana

A cursive signature in black ink, likely belonging to the President of the Italian Republic.


Για τον Πρόεδρο της Κυπριακής Δημοκρατίας



Latvijas Republikas Valsts prezidenta vārdā –




Lietuvos Respublikos Prezidento vardu



Pour Son Altesse Royale le Grand-Duc de Luxembourg




Magyarország köztársasági elnöke részéről




Għall-President tar-Repubblika ta' Malta




Voor Zijne Majesteit de Koning der Nederlanden

A stylized signature consisting of a large, sharp 'X' shape followed by a horizontal line.

Für den Bundespräsidenten der Republik Österreich

A cursive signature that reads 'Michael Gmaj'.

Za Prezydenta Rzeczypospolitej Polskiej

A cursive signature that reads 'Radostaw Sikorski'.

Pelo Presidente da República Portuguesa

A cursive signature that reads 'Nuno Aníbal Leites'.

Pentru România

A stylized signature consisting of a large, sweeping loop followed by a horizontal line.

Za predsednika Republike Slovenije

A stylized signature consisting of a large, sweeping loop followed by a horizontal line.

Za prezidenta Slovenskej republiky



Suomen tasavallan hallituksen puolesta
För republiken Finlands regering



För Konungariket Sveriges regering



For Her Majesty The Queen of the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland



REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 751/2013

tad-29 ta' Lulju 2013

li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orijini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Kraški med (DPO)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 ħassar u ssostitwixxa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orijini għal prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ⁽²⁾.

- (2) Skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, it-talba mis-Slovenja biex id-denominazzjoni "Kraški med" tiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽³⁾.

- (3) Ladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda stqarrija ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, id-denominazzjoni "Kraški med" għandha tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament hija b'dan irreġistrata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,

Dacian CIOLOȘ
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

⁽³⁾ ĠU C 290, 26.9.2012, p. 7.

ANNEX

Prodotti agricoli maħsuba għall-konsum uman elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

Klassi 1.4. Prodotti oħra li ġejjin mill-annimali (bajd, għasel, diversi prodotti tal-ħalib minbarra l-butir, eċċ.)

IS-SLOVENJA

Kraški med (DPO)

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 752/2013

tal-31 ta' Lulju 2013

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 555/2008 rigward il-programmi nazzjonali ta' appoġġ u l-kummerċ ma' pajjiżi terzi fis-settur tal-inbid

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat- 22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikoli 103za u l-Artikolu 158a(4), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 555/2008 ⁽²⁾ jipprevedu kriterji tal-eliġibbiltà għall-operazzjonijiet għall-promozzjoni tal-inbejjed fis-swieq tal-pajjiżi terzi inklużi fi programmi nazzjonali ta' appoġġ u għall-proċedura tal-għażla ta' dawn l-operazzjonijiet.
- (2) Fid-dawl tan-natura speċifika tal-miżura ta' promozzjoni tal-inbid fis-swieq ta' pajjiżi terzi u fid-dawl tal-esperjenza miksuba matul l-implimentazzjoni tal-programmi ta' appoġġ nazzjonali, għandhom jiġu stabbiliti r-regoli għall-eliġibbiltà tal-ispejjeż tal-persunal u l-ispejjeż amministrattivi mgħarrba mill-benefiċjarju fit-tweġtiq ta' miżuri bħal dawn.
- (3) L-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 555/2008 jipprovdi għall-ġestjoni finanzjarja tal-miżuri tal-investiment. Sabiex tithaffet il-kisba ta' proġetti ta' investiment fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-perjodu ta' programmar mill-2014 sal-2018, il-limitu massimu ta' ħlasi-jiet bil-quddiem għandu jogħla fl-2014 u l-2015. L-istess approċċ għandu japplika wkoll għat-tweġtiq ta' proġetti ta' investiment fil-kuntest ta' tmiem l-ewwel perjodu ta' programmar mill-2009 sal-2013. Għalhekk, il-limitu massimu ta' ħlasi-jiet bil-quddiem għandu wkoll jiżdied għall-2013.
- (4) Huwa xieraq li jiġu introdotti miżuri li jiggwarantixxu ġestjoni finanzjarja tajba u li jitjieb il-kontroll tal-finanzjament mill-Unjoni avvanzat lill-benefiċjarji fil-qafas tal-programmi nazzjonali ta' appoġġ. Meta wieħed iqis iż-żmien meħtieġ mill-Istati Membri biex jimplimentaw dawn il-miżuri, l-applikazzjoni tagħhom għandha tibda mill-2014, ħlief fejn l-Istati Membri jiddeċiedu li jagħtu

iktar avvanzi fl-2013 sal-limiti massimi li għandhom jiġu introdotti fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 555/2008.

- (5) It-Taqsim 2 tal-Kapitolu II tat- Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 555/2008 tistabbilixxi r-rekwiżiti li għandhom jintlaħqu għall-importazzjoni ta' nbid, meraq tal-għeneb u most tal-għeneb fl-Unjoni. Dan jipprovdi, b'mod partikolari, l-obbligu li jitressaq id-dokument V I 1, imfassal fuq il-formola V I 1 li tkun taqbel mal-kampjun muri fl-Anness IX għal dak ir-Regolament, iffirmit minn uffiċjal ta' korp uffiċjali u minn uffiċjal ta' laboratorju rikonoxxut, jew dokument stampat simplifikat V I 1 għal prodotti tal-inbid importati fl-Unjoni. B'qies tal-iżvilupp ta' sistemi kompjuterizzati f'dak is-settur u sabiex jiġu ffaċilitati l-monitoraġġ tal-movimenti u l-kontrolli tal-prodotti tad-dielja, huwa xieraq li jiġu awtorizzati wkoll l-użu ta' sistemi kompjuterizzati u konsegwentement ta' dokumenti elettroniċi. Madankollu, l-użu ta' sistemi kompjuterizzati għandu jkun suġġett għar-rispett ta' ċerti kundizzjonijiet u r-rikonoxxenza mill-Unjoni li s-sistema ta' kontrolli stabbilita f'pajjiżi terzi toffri garanziji suffiċjenti fir-rigward tan-natura, l-oriġini u t-traċċabbiltà ta' prodotti tal-inbid importat fl-Unjoni minn dak il-pajjiżi terzi. Huwa għalhekk neċessarju li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet minimi meħtieġa għall-aċċettazzjoni uffiċjali mill-Unjoni tal-ekwivalenza tas-sistema tal-kontrolli li jeżistu fil-pajjiżi terzi ikkonċernat mas-sistema stabbilita fl-Unjoni Ewropea.
- (6) Għal raġunijiet ta' ċarezza, il-pajjiżi terzi li jkunu stabbilew sistema ta' kontrolli rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal dawk tal-Unjoni għandhom jiġu inklużi fl-lista.
- (7) Wara eżami tal-applikazzjoni introdott mill-awtoritajiet kompetenti taċ-Ċili biex jibbenefikaw mill-proċedura simplifikata prevista fl-Artikolu 45 tar-Regolament (KE) Nru 555/2008 u rikonoxximent mill-Unjoni li s-sistema tal-kontrolli li teżisti fis-settur tal-inbid Ċilen toffri garanziji speċjali dwar il-kontroll u t-traċċabbiltà ta' nbejjed magħmulin fiċ-Ċili, id-dokumenti V I 1 magħmula mill-produtturi tal-inbid taċ-Ċili li jkunu rċewew approvazzjoni individwali mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom u ġew soġġetti għal spezzjoni minn din tal-aħħar, għandhom jitqiesu bħala ċertifikati jew rapporti ta' analiżi mfassla minn aġenziji u laboratorji inklużi fil-lista msemmija fl-Artikolu 48 ta' dak ir-Regolament. Il-lista ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 45 tar-Regolament (KE) Nru 555/2008 u li hi stabbilita fl-Anness XII tagħhom għandha tiġi emendata skont dan.
- (8) Ir-Regolament (KE) Nru 555/2008 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 555/2008 tas-27 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid fir-rigward ta' programmi ta' appoġġ, kummerċ ma' pajjiżi terzi, potenzjal tal-produzzjoni u kontrolli fis-settur tal-inbid (ĠU L 170, 30.6.2008, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 555/2008 għandu jiġi emendat kif ġej:

- (1) it-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tat-Titolu II, jiżdied l-Artikolu 5a li ġej:

“Artikolu 5a

Kostijiet eliġibbli

1. L-ispejjeż tal-persunal tal-benefiċjarju msemmija fl-Artikolu 4 għandhom jittqiesu bħala eliġibbli jekk dawn jiġġarrbu b'relazzjoni mat-tħejjija, l-implimentazzjoni jew is-segwitu tal-proġett ta' promozzjoni partikolari appoġġjat, inkluża l-evalwazzjoni. Dan jinkludi l-ispejjeż tal-persunal kkuntrattat mill-benefiċjarju speċifikament fl-okkażjoni ta' proġett ta' promozzjoni u l-ispejjeż tal-proġett li jikkorrispondu mas-sehem tas-siġhat tax-xogħol investiti fil-proġett ta' promozzjoni minn persunal permanenti tal-benefiċjarju.

L-Istati Membri għandhom jaċċettaw biss l-ispejjeż tal-persunal bħala eliġibbli jekk il-benefiċjarji jipprovdi dokumenti ta' prova li jistabbilixxu d-dettalji tax-xogħol attwament imwettqa fir-rigward ta' proġett ta' promozzjoni partikolari appoġġjat.

2. L-ispejjeż ġenerali mgħarrba mill-benefiċjarju għandhom jiġu kkunsidrati eliġibbli biss jekk:

- (a) ikunu relatati mat-tħejjija, l-implimentazzjoni jew is-segwitu tal-proġett; kif ukoll
- (b) ma jkunux jaqbżu 4 % tal-ispejjeż attwali tal-implimentazzjoni tal-proġetti.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu jekk daww l-ispejjeż ġenerali humiex eliġibbli fuq il-bażi ta' rata fissa jew fuq il-bażi ta' preżentazzjoni ta' dokumenti ta' sostenn. Fil-każ tal-aħħar, il-kalkolu ta' dawn l-ispejjeż għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji, ir-regoli u l-metodi tal-kontabilità użati fil-pajjiż tal-benefiċjarju.”

- (2) fl-Artikolu 19(2), it-tieni subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

“L-ammont ta' self m'għandux jaqbeż l-20 % tal-għajnuna pubblika relatata mal-investiment, u l-ħlas tiegħu għandu jkun soġġett għall-kostituzzjoni ta' garanzija bankarja li tkun tikkorrispondi għal 110 % tal-ammont tas-self. Madankollu, fil-każ ta' investimenti li għalihom id-deċiżjoni individwali biex jingħata l-appoġġ tittieħed fis-snin finanzjarji 2013, 2014 jew 2015, l-ammont tal-avvanzi jista' jitle' sa 50 % tal-għajnuna pubblika marbuta ma' dak l-investiment. Għall-finijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 282/2012 (*) l-obbligazzjoni għandha tkun li jintefaq l-ammont totali avvanzat fl-implimentazzjoni tal-ħidma kkonċernata sentejn wara l-ħlas tiegħu.

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 282/2012 tat-28 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi r-regoli komuni ddettaljati sabiex tiġi applikata s-sistema tal-garanziji għall-prodotti agrikoli (ĠU L 92, 30.3.2012, p. 4).”

- (3) Fil-Kapitolu III tat-Titolu II, għandu jiżdied l-Artikolu 37b li ġej:

“Artikolu 37b

Komunikazzjoni relatata mal-avvanzi

1. Fejn l-avvanzi huma mogħtija skont l-Artikoli 5(7), 9(2), 19(2) u 24(3), il-benefiċjarji huma mitluba li ta' kull sena jipprovdu għal kull proġett l-informazzjoni li ġejja lill-aġenziji tal-ħlas:

- (a) dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż, skont il-miżura, li jiġġustifikaw l-użu tal-avvanzi sal-15 ta' Ottubru; kif ukoll
- (b) konferma, skont il-miżura, tal-bilanċ ta' avvanzi mhux użati li jifdal fil-15 ta' Ottubru.

L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu fir-regoli nazzjonali tagħhom id-data tat-trażmissjoni ta' din l-informazzjoni sabiex din tkun inkluża fil-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-ħlas msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 885/2006 sal-iskadenza stipulata fl-Artikolu 7(2) ta' dak ir-Regolament.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-kontijiet annwali tal-2013, ħlief meta jingħataw avvanzi ta' aktar minn 20 % u sa massimu ta' 50 % tal-għajnuna pubblika marbuta mal-investimenti b'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(2).

3. Għall-għanijiet tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2012, l-evidenza ta' intitolament finali li trid tiġi prodotta għandha tkun l-aħħar dikjarazzjoni u konferma tal-ispejjeż tal-bilanċ imsemmija fil-paragrafu 1.

Rigward l-avvanzi skont l-Artikoli 9(2) u 19(2) ta' dan ir-Regolament, id-dikjarazzjoni u l-konferma tal-aħħar spejjeż tal-bilanċ imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tiġi pprovduta sal-aħħar tat-tieni sena finanzjarja wara l-ħlas tagħhom.”

- (4) Fil-Kapitolu II tat-Titolu III għandu jiddaħħal l-Artikolu 45a li ġej:

“Artikolu 45a

Dokument elettroniku

1. Id-dokumenti V I 1 stabbiliti skont l-Artikoli 43 u 45 jistgħu jiġu sostitwiti b'dokument elettroniku għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' prodotti tal-inbid li jkun għajjin minn pajjiżi terzi li għandhom sistema ta' kontrolli aċċettata mill-Unjoni bħala ekwivalenti għal dak stabbilit għall-istess prodotti skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

Sistema ta' kontrolli f'pajjiżi terzi tista' tiġi aċċettata bħala ekwivalenti għal dak stabbilit għall-istess prodotti mill-Unjoni jekk tissodisfa mill-inqas il-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) toffri garanziji suffiċjenti fir-rigward tan-natura, l-oġġini u t-traċċabbiltà tal-prodotti tal-inbid prodott jew ikkum-merċjalizzat fit-territorju tal-pajjiżi terzi ikkonċernat;

- (b) tiżgura aċċess għad-dejta miżmuma fis-sistema elettronika użata, b'mod partikolari fir-rigward tar-reġistrazzjoni u l-identifikazzjoni tal-operaturi, il-korpi ta' kontroll u l-laboratorji tal-analiżi;
- (c) tiggarantixxi l-possibbiltà li tiġi vverifikata d-dejta msemija fil-punt (b) fi ħdan il-qafas ta' kooperazzjoni amministrattiva reċiproka.

Pajjiżi terzi li jkollhom fis-seħħ sistema ta' kontrolli aċċettata mill-Unjoni bħala ekwivalenti skont it-tieni subparagrafu għandhom jiġu inklużi fil-lista stabbilita fl-Anness XII, Parti C.

2. Id-dokument elettroniku previst fil-paragrafu 1 għandu jkun fih mill-inqas l-informazzjoni meħtieġa għall-istabbiliment tad-dokument V I 1.

Tiġi assenjata kodiċi ta' referenza amministrattiva unika lid-dokument elettroniku minn, jew taħt il-kontroll tal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz tal-esportazzjoni. Din il-

kodiċi hija inkluża fuq id-dokumenti kummerċjali meħtieġa għall-importazzjoni fit-territorju tal-Unjoni.

3. L-aċċess għad-dokument elettroniku jew għad-dejta neċessarja għall-istabbiliment tiegħu għandu jingħata kull meta jitalab mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni.

Id-dejta msemija fl-ewwel subparagrafu tista' tintalab fil-forma ta' dokument stampat li fih id-dejta għandha tintwera fil-forma ta' elementi ta' dejta, espressi bl-istess mod bħal dak tad-dokument elettroniku."

(5) L-Anness XII huwa sostitwit mit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Lulju 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX

“ANNEX XII

Lista tal-pajjiżi terzi kif imsemmija fl-Artikolu 43(2), l-Artikolu 45 u l-Artikolu 45a

PARTI A: Lista ta' pajjiżi terzi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 43(2):

- L-Awstralja
- Iċ-Ċili

PARTI B: Lista ta' pajjiżi terzi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 45:

- L-Awstralja
- Iċ-Ċili
- L-Istati Uniti tal-Amerika

PARTI C: Lista ta' pajjiżi terzi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 45a:

- -;
-

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 753/2013

tat-2 ta' Awwissu 2013

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 607/2009 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 fir-rigward tad-denominazzjonijiet tal-orijini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, termini tradizzjonali, it-tikkettar u l-preżentazzjoni ta' ċerti prodotti fis-settur tal-inbid

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 121, il-punti (k) u (m), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kroazja aderixxiet mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013.

(2) Il-leġiżlazzjoni tal-inbid applikabbli fil-Kroazja ma fiha l-ebda dispożizzjoni dwar id-denominazzjonijiet tal-orijini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti jew dwar it-tikkettar ta' prodotti tal-inbid, b'mod partikolari dawk ipprovduti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 607/2009 ⁽²⁾. Sabiex l-operaturi ekonomiċi stabbiliti fil-Kroazja jitħallew ikomplu jbigħu prodotti magħmula f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli fil-Kroazja qabel ma aderixxiet mal-Unjoni, l-operaturi għandhom jingħataw l-għażla li jużaw il-ħażniet ta' inbid prodott f'konformità mar-regoli li japplikaw qabel l-adeżjoni.

(3) Fid-dawl tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013, il-Kroazja, f'konformità mal-Artikolu 62(3) tar-Regolament (KE) Nru 607/2009, talbet li l-ismijiet tal-varjetajiet tal-għeneb tal-inbid "Alicante Bouschet", "Burgundac crni", "Burgundac sivi", "Burgundac bijeli", "Borgonja istarska" u "Frankovka" li tradizzjonalment jintużaw biex jiġu kkummerċjalizzati l-inbejjed prodotti f'dak il-pajjiż, li jikkonsistu fi jew ikollhom denominazzjoni tal-orijini jew indikazzjoni ġeografika protetti, ikunu jistgħu jkomplu jidhru fuq it-tikketti ta' nbejjed Kroati b'denominazzjoni tal-orijini jew indikazzjoni ġeografika protetti. Wara verifika, il-Kummissjoni taqbel li l-isem tal-Kroazja jiġi inkluż, flimkien mad-data ta' adeżjoni, fil-Parti A tal-Anness XV tar-Regolament imsemmi hawn fuq rigward l-ismijiet tal-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid li għalihom qed tirreferi din it-talba.

(4) Il-Kroazja talbet ukoll li l-ismijiet tal-varjetajiet tal-għeneb tal-inbid u s-sinonimi tagħhom "Aglianico crni", "Nebbio-lo", "Primitivo", "Rajnski rizling", "Radgonska ranina", "Sangiovese", "Stajerska belina", "Stajerka" u "Vermentino", li parzjalment għandhom denominazzjoni tal-orijini jew indikazzjoni ġeografika protetti u jirreferu b'mod dirett għall-element ġeografiku tad-denominazzjoni tal-orijini jew l-indikazzjoni ġeografika protetti in kwistjoni, jistgħu jidhru fuq it-tikketta ta' prodott Kroat b'denominazzjoni tal-orijini jew indikazzjoni ġeografika protetti. Wara verifika, il-Kummissjoni taqbel li l-isem tal-Kroazja jiġi inkluż, flimkien mad-data ta' adeżjoni, fil-Parti B tal-Anness XV tar-Regolament (KE) Nru 607/2009 imsemmi hawn fuq rigward l-ismijiet tal-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid li għalihom qed tirreferi din it-talba.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 607/2009 għandu jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 607/2009 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 73, għandu jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4) Inbejjed prodotti fil-Kroazja qabel it-30 ta' Ġunju 2013, li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet rilevanti applikabbli fil-Kroazja f'din id-data, jistgħu jkunu kkummerċjalizzati sakemm il-ħażniet ikunu eżawriti. Dawn il-prodotti jistgħu jiġu ttikkettati skont id-dispożizzjonijiet applikabbli fil-Kroazja fit-30 ta' Ġunju 2013."

2. L-Anness XV huwa emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2013.

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 193, 24.7.2009, p. 60.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Awwissu 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX

L-Anness XV tar-Regolament (KE) Nru 607/2009 huwa emendat kif ġej:

1. Il-Parti A hija emendata kif ġej:

(a) l-isem "il-Kroazja" huwa miżjud fir-raba' kolonna tal-linja 2.

(b) wara l-linja 14, il-linja 14a li ġejja hija miżjuda:

"14a	Bourgogne (FR)	Borgonja istarska	Il-Kroazja"
------	----------------	-------------------	-------------

(c) wara l-linja 15, il-linja 15a li ġejja hija miżjuda:

"15a	Bourgogne (FR)	Burgundac bijeli	Il-Kroazja"
------	----------------	------------------	-------------

(d) il-linja 16 hija mħassra.

(e) l-isem "il-Kroazja" huwa miżjud fir-raba' kolonna tal-linja 17.

(f) l-isem "il-Kroazja" huwa miżjud fir-raba' kolonna tal-linja 39.

2. Il-Parti B hija emendata kif ġej:

(a) wara l-linja 2, il-linja 2a li ġejja hija miżjuda:

"2a	Aglianico del Taburno (IT)	Aglianico crni	Il-Kroazja"
-----	----------------------------	----------------	-------------

(b) l-isem "il-Kroazja" huwa miżjud fir-raba' kolonna tal-linja 33.

(c) l-isem "il-Kroazja" huwa miżjud fir-raba' kolonna tal-linja 37.

(d) l-isem "il-Kroazja" huwa miżjud fir-raba' kolonna tal-linja 39.

(e) l-isem "il-Kroazja" huwa miżjud fir-raba' kolonna tal-linja 45.

(f) l-isem "il-Kroazja" huwa miżjud fir-raba' kolonna tal-linja 51.

(g) l-isem "il-Kroazja" huwa miżjud fir-raba' kolonna tal-linja 52.

(h) wara l-linja 52, il-linja 52a li ġejja hija miżjuda:

"52a	Štajerska Slovenija (SV)	Štajerka	Il-Kroazja"
------	--------------------------	----------	-------------

(i) l-isem "il-Kroazja" huwa miżjud fir-raba' kolonna tal-linja 58.

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 754/2013**tal-5 ta' Awwissu 2013**

li jemenda għall-198 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-network ta' Al Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-network ta' Al-Qaida,⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a), 7a(1) u 7a(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.
- (2) Fit-23 ta' Lulju 2013, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) ddeċieda

li jżid żewġ persuni fiżiċi mal-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi. Barra minn hekk, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-KSNU iddeċieda li jemenda erba' entitajiet mil-lista.

- (3) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Awwissu 2013.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,*

Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija

⁽¹⁾ ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

ANNEX

L-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 881/2002, huwa emendat kif ġej:

- (1) L-annotazzjoni li ġejja għandha tiżdied taħt l-intestatura "Persuni naturali":

'Abu Mohammed **Al-Jawlani** (*magħruf ukoll bħala* (a) Abu Mohamed al-Jawlani, (b) Abu Muhammad al-Jawlani, (c) Abu Mohammed al-Julani, (d) Abu Mohammed al-Golani, (e) Abu Muhammad al-Golani, (f) Abu Muhammad Aljawlani, (g) Muhammad al-Jawlani, (h) Shaykh al-Fatih; (i) Al Fatih. Data tat-twelid: Bejn l-1975 u l-1979. Post tat-twelid: Is-Sirja. Nazzjonalità: Sirjana. Indirizz: Fis-Sirja f'Ġunju 2013. Id-data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 24.7.2013.'

- (2) L-annotazzjoni 'Haji Muhammad **Ashraf** (*magħruf ukoll bħala* Haji M.Ashraf). Data tat-twelid: 1.3.1965. Nazzjonalità: Pakistana. Id-data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 10.12.2008. Informazzjoni oħra: L-isem tal-missier huwa Noor Muhammad' taħt l-intestatuta 'Persuna Naturali' għandu jinbidel b'li jmiss:

'Haji Muhammad **Ashraf** (*magħruf ukoll bħala* (a) Haji M. Ashraf, (b) Muhammad Ashraf Manshah, (c) Muhammad Ashraf Munsha). Data tat-twelid: (a) 1.3.1965, (b) 1955. Post tat-twelid: Faisalabad, il-Pakistan. Nazzjonalità: Pakistana. Nru. tal-Passaport.: (a) AT0712501 (Pakistan, maħruġ fit- 12.3.2008, skada 11.3.2013), (b) A-374184 (Pakistan). Nru. ta' Identifikazzjoni Nazzjonali: (a) 6110125312507 (Pakistan), (b) 24492025390 (Pakistan). Informazzjoni oħra: L-isem tal-missier huwa Noor Muhammad. Id-data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 10.12.2008.'

- (3) L-annotazzjoni Adil Muhammad Mahmud **Abd Al-Khaliq** (*magħruf ukoll bħala* (a) Adel Mohamed Mahmoud Abdul Khaliq; (b) Adel Mohamed Mahmood Abdul Khaled). Data tat-twelid: 2.3.1984. Post tat-twelid: Il-Baħrejn. Numru tal-passaport: 1632207 (il-Baħrejn). Informazzjoni oħra: Aġixxa fisem, u pprova appoġġ finanzjarju, materjali u loġistiku, lil Al-Qaida u lill-Grupp tal-Għied Iżlamiku Libjan, inkluż billi pprova partijiet elettriċi użati fl-isplussivi, fil-kompjuters, f'apparat tal-GPS u f'apparat militari. Tħarreġ minn Al-Qaida f'armamenti żgħar u splussivi fl-Ażja ta' Isfel u għieled flimkien ma' Al-Qaida fl-Afganistan. Arrestat fl-Emirati Għarab Magħquda (UAE) f'Jannar tal-2007 fuq akkużi li huwa membru ta' Al-Qaida u tal-Grupp tal-Għied Iżlamiku Libjan. Wara li nstab ħati fl-Emirati Għarab Magħquda lejn tmiem l-2007 ġie trasferit lejn il-Baħrejn kmieni fl-2008 biex hemm jiskonta l-bqija tas-sentenza tiegħu.' taħt l-intestatura 'Persuni Naturali' għandha tinbidel b'li ġej:

'Adil Muhammad Mahmud **Abd Al-Khaliq** (*magħruf ukoll bħala* (a) Adel Mohamed Mahmoud Abdul Khaliq; (b) Adel Mohamed Mahmood Abdul Khaled). Data tat-twelid: 2.3.1984. Post tat-twelid: Il-Baħrejn. Nazzjonalità: Bahrejni. Numru tal-passaport: 1632207 (Bahrejni). Id-data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 10.10.2008.'

- (4) L-annotazzjoni 'Sayf al-Adl (*magħruf ukoll bħala* Saif Al-'Adil). Data tat-twelid: 1963. Post tat-twelid: L-Eġittu. Informazzjoni oħra: (a) Maħsub li kellu ċittadinanza Eġizzjana; (b) Responsabbli għas-sigurtà ta' Usama bin Laden. Id-data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 25.1.2001.' taħt l-intestatuta 'Persuni Naturali' għandu jinbidel b'li jmiss:

'Sayf-Al **Adl** (*magħruf ukoll bħala* (a) Saif Al-'Adil, (b) Seif al Adel, (c) Muhamad Ibrahim Makkawi, (d) Ibrahim al-Madani). Data tat-twelid: (a) 1963, (b) 11.4.1963, (c) 11.4.1960. Post tat-twelid: L-Eġittu. Nazzjonalità: Eġizzjana. Id-data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 25.1.2001.'

- (5) L-annotazzjoni 'Fazeel-A-Tul Shaykh Abu Mohammed Ameen **Al-Peshawari** (*magħruf ukoll bħala* (a) Shaykh **Aminullah**, (b) Sheik **Aminullah**, (c) Abu Mohammad Aminullah **Peshawari**, (d) Abu Mohammad Amin **Bishawri**, (e) Abu Mohammad Shaykh Aminullah **Al-Bishauri**, (f) Shaykh Abu Mohammed Ameen **al-Peshawari**, (g) Shaykh Aminullah **Al-Peshawari**). Indirizz: Ganj District, Peshawar, il-Pakistan. Data tat-twelid: (a) Madwar l-1967, (b) Madwar l-1961, (c) Madwar l-1973. Post tat-twelid: Konar province, l-Afganistan. Informazzjoni oħra: F'detenzjoni sa minn Ġunju 2009. Id-data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 29.6.2009.' taħt l-intestatuta 'Persuni Naturali' għandu jinbidel b'li jmiss:

'Fazeel-A-Tul Shaykh Abu Mohammed Ameen **Al-Peshawari** (*magħruf ukoll bħala* (a) Shaykh Aminullah, (b) Sheik Aminullah, (c) Abu Mohammad Aminullah Peshawari, (d) Abu Mohammad Amin Bishawri, (e) Abu Mohammad Shaykh Aminullah Al-Bishauri, (f) Shaykh Abu Mohammed Ameen al-Peshawari, (g) Shaykh Aminullah Al-Peshawari). Nazzjonalità: Afgan. Data tat-twelid: (a) Madwar l-1967, (b) Madwar l-1961, (c) Madwar l-1973. Post tat-twelid: Shunkrai village, Sarkani District, Konar province, l-Afganistan. Indirizz: Ganj District, Peshawar, il-Pakistan. Id-data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 29.6.2009.'

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 755/2013**tal-5 ta' Awwissu 2013****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom

il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Awwissu 2013.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNEX

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni
0709 93 10	TR	118,5
	ZZ	118,5
0805 50 10	AR	88,7
	BO	85,6
	CL	83,0
	TR	71,0
	UY	84,0
	ZA	93,3
	ZZ	84,3
0806 10 10	CL	140,3
	EG	187,0
	MA	180,7
	TR	166,8
	ZZ	168,7
0808 10 80	AR	142,6
	BR	98,1
	CL	121,6
	CN	100,2
	NZ	131,4
	US	144,3
	ZA	116,3
	ZZ	122,1
0808 30 90	AR	121,0
	CL	167,1
	NZ	148,9
	TR	157,9
	ZA	113,0
	ZZ	141,6
0809 29 00	CA	303,6
	TR	336,4
	ZZ	320,0
0809 30	TR	149,8
	ZZ	149,8
0809 40 05	BA	44,5
	TR	141,2
	XS	57,7
	ZZ	81,1

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-16 ta' Lulju 2013

dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea għall-programmi nazzjonali ta' 11-il Stat Membru (il-Bulgarija, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, ir-Rumanija, is-Slovenja, il-Finlandja u l-Isvezja) fl-2013 għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' dejta fis-settur tas-sajd

(notifikata bid-dokument C(2013) 4434)

(It-testi bil-Bulgaru, bid-Daniż, bil-Finlandiż, bil-Ġermaniż, bl-Isvediż, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bir-Rumen, bis-Sloven u bit-Taljan biss huma awtentiċi)

(2013/424/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 tat-22 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi miżuri finanzjarji Komunitarji għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd u fil-qasam tal-Liġi tal-Baħar ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 24(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 861/2006 jistipula l-kundizzjonijiet li bihom l-Istati Membri jistgħu jirċievu kontribuzzjoni mill-Unjoni Ewropea għal nefqa mġarrba fil-programmi nazzjonali tagħhom għall-ġbir u l-ġestjoni tad-dejta.
- (2) Dawk il-programmi għandhom jifasslu skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 tal-25 ta' Frar 2008 dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd ⁽²⁾ u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 665/2008 ⁽³⁾.
- (3) Il-Bulgarija, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, ir-Rumanija, is-Slovenja, il-Finlandja u l-Isvezja ssottomettew il-programmi nazzjonali għall-ġbir, għall-ġestjoni u għall-użu ta' dejta fis-settur tas-sajd għas-sinjuri 2011-2013 kif stabbilit fl-Artikoli 4(4) u 4(5) tar-Regolament (KE) Nru 199/2008. Dawk il-programmi ġew approvati fl-2011 skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 199/2008.

- (4) Dawk l-Istati Membri ressqu wkoll il-previżjonijiet baġitarji annwali għall-2013 skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1078/2008 tat-3 ta' Novembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 rigward in-nefqa mġarrba mill-Istati Membri għall-ġbir u l-ġestjoni tad-dejta bażika dwar is-sajd ⁽⁴⁾. Il-Kummissjoni evalwat il-previżjonijiet baġitarji annwali tal-Istati Membri, kif stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1078/2008, billi kkunsidrat il-programmi nazzjonali approvati.
- (5) L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1078/2008 jistabbilixxi li l-Kummissjoni għandha tapprova l-previżjonijiet baġitarji annwali u tiddeċiedi dwar kontribuzzjoni finanzjarja annwali tal-Unjoni għal kull programm nazzjonali skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 861/2006 u abbażi tar-riżultat tal-evalwazzjoni tal-previżjonijiet baġitarji annwali kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1078/2008.
- (6) L-Artikolu 24(3)(b) tar-Regolament (KE) Nru 861/2006 jistabbilixxi li Deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha tiffissa r-rata tal-kontribuzzjoni finanzjarja. L-Artikolu 16 ta' dak ir-Regolament jistipula li l-miżuri finanzjarji tal-Unjoni fil-qasam tal-ġbir tad-dejta bażika ma għandhom jaqsbu l-50 % tal-ispejjeż imġarrba mill-Istati Membri fit-tweqqif tal-programm tal-ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-dejta fis-settur tas-sajd.
- (7) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi d-deċiżjoni finanzjarja fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 84(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 rigward ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni ⁽⁵⁾.
- (8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sajd u l-Akkwakultura,

⁽¹⁾ ĠU L 160, 14.6.2006, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 60, 5.3.2008, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 186, 15.7.2008, p. 3.

⁽⁴⁾ ĠU L 295, 4.11.2008, p. 24.

⁽⁵⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ammonti globali massimi tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni li għandhom jingħataw lil kull Stat Membru għall-għbir, il-ġestjoni u l-użu tad-dejta fis-settur tas-sajd għall-2013 u r-rata tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni, huma stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-

Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Isvezja.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Lulju 2013.

Għall-Kummissjoni

Maria DAMANAKI

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

PROGRAMMI NAZZJONALI 2011–2013

Nefqa eliġibbli u kontribuzzjoni massima tal-Unjoni għall-2013

(EUR)

Stat Membru	In-nefqa eliġibbli	Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni (Rata ta' 50 %)
Il-Bulgarija	180 214,85	90 107,43
Id-Danimarka	5 956 908,05	2 978 454,03
Il-Ġermanja	6 938 161,00	3 469 080,50
L-Italja	9 245 522,75	4 622 761,38
Il-Latvja	374 348,04	187 174,02
Il-Litwanja	244 900,00	122 450,00
Malta	799 170,09	399 585,05
Ir-Rumanija	449 247,00	224 623,50
Is-Slovenja	160 896,42	80 448,21
Il-Finlandja	1 880 999,00	940 499,50
L-Isvezja	6 158 792,00	3 079 396,00
Spiża totali	32 389 159,20	16 194 579,60

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-1 ta' Awwissu 2013

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/782/UE li tiddetermina l-limiti kwantitattivi u talloka l-kwoti għal sustanzi kkontrollati skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu, għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2013

(notifikata bid-dokument C(2013) 4922)

(It-testi bil-Kroat, bl-Olandiż, bl-Inglist, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bl-Ungeriż, bit-Taljan, bil-Malti, bil-Pollakk, bil-Portugiż, u bl-Ispanjol biss huma awtentiċi)

(2013/425/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 10(2) u 16(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kroazja saret membru tal-Unjoni fl-1 ta' Lulju 2013.

(2) Għalhekk il-kumpaniji Kroati għandhom jitqiesu fid-determinazzjoni tal-limiti kwantitattivi u l-allokazzjoni tal-kwoti għal sustanzi kkontrollati skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009.

(3) Għalhekk id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/782/UE tal-11 ta' Diċembru 2012 li tiddetermina l-limiti kwantitattivi u talloka l-kwoti għal sustanzi kkontrollati skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu, għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2013 ⁽²⁾ għandha tiġi emendata skont dan.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 25(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2009,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/782/UE hija emendata kif ġej:

1 Fl-Artikolu 1, fit-tabella, il-linja

"Grupp III (aloni)	18 222 010,00"
--------------------	----------------

tinbidel bi:

"Grupp III (aloni)	18 376 510,00"
--------------------	----------------

2 L-Annessi II u X huma emendati kif jispeċifika l-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

3 L-Annessi IX u XI huma emendati kif jispeċifika l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil dawn l-impriżi:

1 ABCR Dr. Braunagel GmbH & Co. (DE) Im Schleher 10 76187 Karlsruhe Il-Ġermanja	2 Aesica Queenborough Ltd. North Street Queenborough Kent, ME11 5EL Ir-Renju Unit
3 AGC Chemicals Europe, Ltd. York House, Hillhouse International Thornton Cleveleys, Lancs, FY5 4QD Ir-Renju Unit	4 Airbus Operations S.A.S. Route de Bayonne 316 31300 Toulouse Franza

⁽¹⁾ ĠU L 286, 31.10.2009, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 347, 15.12.2012, p. 20.

5 Albany Molecular Research (UK) Ltd Mostyn Road Holywell Flintshire, CH8 9DN Ir-Renju Unit	6 Albemarle Europe SPRL Parc Scientifique Einstein Rue du Bosquet 9 1348 Louvain-la-Neuve Il-Belġju
7 Arkema France SA 420, rue d'Estienne D'Orves 92705 Colombes Cedex Franza	8 Arkema Quimica S.A. Avenida de Burgos 12 28036 Madrid Spanja
9 Ateliers Bigata SAS 10, rue Jean Baptiste Perrin, 33320 Eysines Cedex Franza	10 BASF Agri Production SAS 32 rue de Verdun 76410 Saint-Aubin lès Elbeuf Franza
11 Bayer Crop Science AG Gebäude A729 41538 Dormagen Il-Ġermanja	12 Diverchim S.A. 100, rue Louis Blanc 60765 Montataire Cedex Franza
13 Dow Deutschland Anlagengesellschaft mbH Bützflether Sand 21683 Stade Il-Ġermanja	14 DuPont de Nemours (Nederland) BV Baanhoekweg 22 3313 LA Dordrecht Il-Pajjiżi l-Baxxi
15 Dyneon GmbH Industrieparkstrasse 1 84508 Burgkirchen Il-Ġermanja	16 Eras Labo 222 D1090 38330 Saint Nazaire les Eymes Franza
17 Eusebi Impianti Srl Via Mario Natalucci 6 60131 Ancona L-Italja	18 Eusebi Service Srl Via Vincenzo Pirani 4 60131 Ancona L-Italja
19 Fire Fighting Enterprises Ltd. 9 Hunting Gate, Hitchin SG4 0TJ Ir-Renju Unit	20 Fujifilm Electronic Materials (Europe) NV Keetberglaan 1 A 2070 Zwijndrecht Il-Belġju
21 Gedeon Richter Plc. Gyömrői út 19-21 1103, Budapest L-Ungerija	22 Gielle di Luigi Galantucci Via Ferri Rocco, 32 70022 Altamura (BA) L-Italja
23 Halon & Refrigerants Services Ltd. J.Reid Trading Estate Factory Road, Sandycroft Deeside, Flintshire CH5 2QJ Ir-Renju Unit	24 Harp International Ltd Gellihiirion Industrial Estate Rhondda, Cynon Taff Pontypridd CF37 5SX Ir-Renju Unit
25 Honeywell Fluorine Products Europe B.V. Laarderhoogtweg 18 1101 EA Amsterdam Il-Pajjiżi l-Baxxi	26 Honeywell Specialty Chemicals GmbH Wunstorfer Strasse 40 30918 Seelze Il-Ġermanja
27 Hovione Farmaciencia SA Quinta de S. Pedro - Sete Casas 2674-506 Loures Il-Portugall	28 Hydraulik-liftsysteme/Walter Mayer GmbH Heinrich-Hertz-Str. 3 76646 Bruchsal Il-Ġermanja
29 ICL-IP Europe B.V. Fosfaatweg 48 1013 BM Amsterdam Il-Pajjiżi l-Baxxi	30 Laboratorios Miret SA Geminis 4, 08228 Terrassa, Barcelona Spanja

31 LGC Standards GmbH Mercatorstr. 51 46485 Wesel Il-Ġermanja	32 LPG Tecnicas en Extincion de Incendios SL C/Mestre Joan Corrales 107-109 08950 Esplugas de Llobregat, Barcelona Spanja
33 Ludwig-Maximilians-Universität Department Chemie Butenandstr. 5-13 (Haus D) 81377 München Il-Ġermanja	34 Mebrom NV Assenedestraat 4 9940 Rieme Ertvelde Il-Belġju
35 Merck KgaA Frankfurter Strasse 250 64271 Darmstadt Il-Ġermanja	36 Meridian Technical Services Ltd Hailey Road 14 DA18 4AP Erith Ir-Renju Unit
37 Mexichem UK Ltd. The Heath Business & Technical Park Runcorn Cheshire WA7 4QX Ir-Renju Unit	38 Ministry of Defense – Chemical Laboratory – Den Helder Bevesierweg 4 1780 CA Den Helder Il-Pajjiżi l-Baxxi
39 Panreac Quimica S.L.U. Pol. Ind. Pla de la Bruguera, C/Garraf 2 08211 Castellar del Vallès-Barcelona Spanja	40 Poż-Pliszka Sp. z o.o. ul. Szczecińska 45 80-392 Gdańsk Il-Polonja
41 R.P. Chem s.r.l. Via San Michele 47 31062 Casale sul Sile (TV) L-Italja	42 Safety Hi-Tech S.r.l. Via di Porta Pinciana 6 00187 Roma L-Italja
43 Savi Technologie Sp. z o.o. Ul. Wolności 20 Psary 51-180 Wrocław Il-Polonja	44 Sigma Aldrich Chemie GmbH Riedstrasse 2 89555 Steinheim Il-Ġermanja
45 Sigma Aldrich Chimie SARL 80, rue de Luzais L'isle d'abeau Chesnes 38297 St Quentin Fallavier Franza	46 Sigma Aldrich Company Ltd The Old Brickyard, New Road Gillingham, Dorset SP8 4XT Ir-Renju Unit
47 Solvay Fluor GmbH Hans-Böckler-Allee 20 30173 Hannover Il-Ġermanja	48 Solvay Fluores France 25 rue de Clichy 75442 Paris Franza
49 Solvay Specialty Polymers France SAS Avenue de la Republique 39501 Tavaux Cedex Franza	50 Solvay Specialty Polymers Italy SpA Viale Lombardia 20 20021 Bollate (MI) L-Italja
51 Sterling Chemical Malta Ltd Triq V. Dimech, 4 1504 Il-Furjana Malta	52 Sterling S.p.A. Via della Carboneria 30 06073 Solomeo di Corciano (PG) L-Italja
53 Syngenta Crop Protection Surrey Research Park 30 Priestly Road Guildford Surrey GU2 7YH Ir-Renju Unit	54 Tazzetti S.p.A. Corso Europa n. 600/a 10070 Volpiano (TO) L-Italja
55 TEGA Technische Gase und Gastechnik GmbH Werner-von-Siemens-Strasse 18 97076 Würzburg Il-Ġermanja	56 Thomas Swan & Co Ltd. Rotary Way Consett County Durham DH8 7ND Ir-Renju Unit

57 Medic d.o.o. Trg Dražena Petrovića 3/VI 10000 Zagreb Il-Kroazja	58 Simat Prom d.o.o. Rudeška cesta 96 10000 Zagreb Il-Kroazja
59 Vatro-Servis d.o.o. Croatian Halon Bank Dravska 61 42202 Trnovec Il-Kroazja	

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Awwissu 2013.

Għall-Kummissjoni
Connie HEDEGAARD
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX I

1. Fl-Annex II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/782/UE jiġdiedu dawn l-impriżi:

Simat Prom d.o.o. (HR)
Vatro-Servis d.o.o. (HR)

2. Fl-Annex X tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/782/UE tiġdied din l-impriża:

Medic d.o.o. (HR)

ANNEX II

Tagħrif kummerċjalment sensittiv – kunfidenzjali – ma jistax jiġi ppubblikat

AVVIŻ LILL-QARREJJA

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

Skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU L 69, 13.3.2013, p. 1), mill-1 ta' Lulju 2013, l-edizzjoni elettronika biss tal-Ġurnal Uffiċjali għandha tiġi meqjusa awtentika u għandu jkollha effett legali.

Fejn ma jkunx possibbli li tiġi ppubblikata l-edizzjoni elettronika tal-Ġurnal Uffiċjali minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux previsti, l-edizzjoni stampata għandha tkun awtentika u għandu jkollha effett legali skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 216/2013.

NOTA LILL-QARREJJA – KIF TIRREFERI GĦALL-ATTI

Mill-1 ta' Lulju 2013, il-mod ta' kif jiġu ċċitati l-atti nbidel.

Waqgħat il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-metodu l-ġdid jibqa' jeżisti flimkien mal-qadim.

EUR-Lex (<http://new.eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT